**Magistrat**
**Dottor Conseulo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Alexandra Farrugia Mamo**
**V**

**CHARMAINE VELLA**

**Illum 18 ta' Frar, 2002**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **CHARMAINE VELLA** ta' disgha w ghoxrin sena, bint Charles u Lorianne Clake nee Lymbery, imwielda Sydney l-Awstralja nhar t-tmintax ta' Novembru, 1971 u residenti 'Mystique', Triq Ghajn Tuffieha, Mellieha, detentrici ta’ karta tal-identita` numru 525290(M) giet imressqa quddiemha akkuzata talli nhar l-erbgha ta' Dicembru, 2000 ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija irrendiet ruhha komplici b'xi mod li jkun, xjentement ghenet jew assistit lil Giovanni Conte sabiex jahrab minn dawn il-Gzejjer meta l-istess Giovanni Conte instab mohbi fil-vettura taghha dik tal-ghamla Volvo 245 bin-

numru ta' registrazzjoni KAQ 456 fuq il-bastiment Island Seaway, minghajr ma kellu l-passaport u minghajr ma ta lil Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jehtieg, u cioe xjentement tat il-mezz sabiex issir il-harba minn Malta ta' Giovanni Conte persuna akkuzata b'delitt quddiem il-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema persuna ghamlet delitt li ghalih hemm piena ta' prigunerija ghad li din il-persuna ghadha mhux kkundannata u dan meta l-istess Charmaine Vella hbit lil istess Giovanni Conte gol vettura taghha tal-ghamla Volvo 245 bin-numru ta' registrazzjoni KAQ 456 fuq il-bastiment Island Seaway fi triqtu lejn l-Italja u dan meta hi kienet taf li l-istess Giovanni Conte ma setghax jallonta ruhu minn dawn il-Gzejjer minghajr awtorita moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna l-konfiska tal-vettura tal-ghamla Volvo 245 bin-numru ta' registrazzjoni KAQ 456 li gol-istess vettura nstab mohbi Giovanni Conte, favur il-Gvern ta' Malta.

Rat il-kunsens esibit f'dawn l-atti a fol 8 markat bhala dokumenti CSH 2 datat disgha ta' Jannar, 2001 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi bi procedura sommarja u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 157 u 42 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrat fl-atti fis-seduta tas-sitta w ghoxrin (26) ta' Novembru, 2001 u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandix triq ohra salv li ssib l-istess imputata hatja tal-akkuzi addebitati lilha.

Semghet lil Charles Vella, missier l-imputata, ai fini ta' piena u cioe dwar l-konfiska tal-vettura.

Illi Charles Vella stqarr li l-vettura tal-ghamla Volvo 245 bin-numru ta' registrazzjoni KAQ 456 l-imputata xtratha ghall-prezz ta' elf u hames mitt lira maltin b'cheque mahrug mis-socjeta Bugibba Real Estate Limited li taghha huwa direttur. Hija kellha prokura tieghu peress li ghamel zmien imsiefer l-Awstralja pero l-imputata ghadha ma hallsitux tal-vettura u ghalhekk Charles Vella ghad ghandu drittijjiet fuq il-vettura.

Illi Carmel Vella ppresenta kopja tac-cheque in kwistjoni, statement tal-kont kurrenti tieghu numru 172-0570505-4 li jindika din t-transazzjoni.

Illi ma hemmx dubbju li l-vettura in kwistjoni kien il-corpus delicti jew strument li serva jew kien mahsub li jservi sabiex isir d-delitt ghaliex fil-fatt Giovanni Conte instab mohbi go fiha abbord il-bastiment Island Seaway.

Illi pero peress li jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li hemm drittijiet ta' terzi fuqha, il-Qorti mhux ser tordna l-konfiska taghha.

Dwar il-piena:

Il-Qorti thoss li r-reat li bih hija akkuzata l-imputata huwa reat serju hafna ghaliex huwa reat ta' sfida lejn l-awtorita tal-Qorti u cioe li xjentement qed taghti mezz sabiex bniedem jahrab mill-gustizzja u l-haqq.

Il-Qorti rat li l-imputata ghandha fedina penali netta minghajr ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha u ghalhekk ghandha tigi konsidrata bhala *a first time offender*, kif suggerit f'sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Lulju, 1982*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Paul Camilleri.**

Rat li danni materjali lis-socjeta ma gewx kawzati.

Rat li l-imputata kkolloborat bis-shih sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe mill-mument tar-rilaxx tal-istqarrija markata bhala dokument CSH 3 a fol 9 tal-atti odjerni, ghalkemm fir-realta il-Prosekuzzjoni solviet il-kaz sa mill-bidu nett tal-istess investigazzjoni meta sabet lil Giovanni Conte mistohbi bil-bagoll.

Rigward il-piena idoneja il-Qorti thoss li piena karcerarja sospiza hija l-aktar piena idoneja sabiex din sservi bhala deterrent ghall-istess imputata sabiex zzomm 'l boghod mill-kriminalita u ghalhekk tali piena jkollha effett ta' mannara mdendla fuq ras l-imputata.

Ghalhekk bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **il-Qorti qed tikkundanna lil imputata CHARMAINE VELLA ghal piena karcerarja ta' sitt xhur sospizi ghal sentejn mill-lum.**

**Ii-Qorti fissret s-sinifikat ta' din s-sentenza lil imputata u x'jigri jekk tonqos li tosservha.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**